Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2256(INI)

06.02.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-Rapport 2025 tal-Kummissjoni dwar it-Turkija
(2025/2256(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nacho Sánchez Amor

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 10

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-Rapport 2025 tal-Kummissjoni dwar it-Turkija

(2025/2256(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u tat-18 ta' April 2024, tat-30 ta' Ġunju 2023, tat-23 ta' Ġunju 2022, tal-24 ta' Ġunju 2021 u tat-12 ta' Diċembru 2019, u l-konklużjonijiet rilevanti preċedenti kollha tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew,

– wara li kkunsidra s-sħubija tat-Turkija fil-Kunsill tal-Ewropa u fin-NATO,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni[1] (Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021 dwar it-Turkija,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2016 u mill-Kunsill Ewropew tad-29 ta' Novembru 2015 dwar l-UE u t-Turkija,

– wara li kkunsidra l-Qafas ta' Negozjar tal-UE għat-Turkija tat-3 ta' Ottubru 2005,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni maħruġa mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fil-21 ta' Settembru 2005 wara d-dikjarazzjoni magħmula mit-Turkija mal-iffirmar tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Ankara fid-29 ta' Lulju 2005,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2006 u tas-6 ta' Marzu 2020, kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew f'Copenhagen fil-21 u fit-22 ta' Ġunju 1993, magħrufa wkoll bħala l-Kriterji ta' Copenhagen,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025, tas-17 ta' Diċembru 2024 u tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar it-tkabbir,

– wara li kkunsidra l-Liġi Internazzjonali tal-Baħar u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2025 bit-titolu "Komunikazzjoni tal-2025 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE" (COM(2025)0690), u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha bit-titolu "Turkey 2025 Report" (Rapport tal-2025 dwar it-Turkija) (SWD(2025)0756),

[1] ĠU L 134, 7.5.2014, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/252/oj.

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 06/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-24 ta' April 2024 bit-titolu "Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija – Ta' benefiċċju għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti, iżda l-impatt u s-sostenibbiltà għadhom mhumiex żgurati",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-29 ta' Novembru 2023 (JOIN(2023)0050) u tat-22 ta' Marzu 2021 (JOIN(2021)0008) dwar is-sitwazzjoni attwali tar-relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2025 bit-titolu "Id-disa' Rapport Annwali dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija" (COM(2024)0517),

– wara li kkunsidra l-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali u l-Karta tan-NU, il-Ftehimiet ta' Livell Għoli tal-1977 u tal-1979 bejn il-mexxejja taż-żewġ komunitajiet f'Ċipru, u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar Ċipru, inkluża r-Riżoluzzjoni 186 (1964) tal-4 ta' Marzu 1964, li tafferma mill-ġdid is-sovranità tar-Repubblika ta' Ċipru, ir-Riżoluzzjoni 550 (1984) tal-11 ta' Mejju 1984 dwar azzjonijiet seċessjonisti f'Ċipru, ir-Riżoluzzjoni 789 (1992) tal-25 ta' Novembru 1992, u r-Riżoluzzjoni 2537 (2020) tat-28 ta' Lulju 2020 dwar il-Forza għaż-Żamma tal-Paċi tan-NU f'Ċipru (UNFICYP),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), li jgħid li l-partijiet kontraenti jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw is-sentenza finali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fi kwalunkwe kawża li jkunu parti minnha, u l-obbligu li jirriżulta minnha għat-Turkija li teżegwixxi s-sentenzi kollha tal-QEDB,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni 12(2025) tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa tas-27 ta' Marzu 2025, bit-titolu "Dismissals of Mayors in Türkiye" (It-tkeċċija tas-Sindki fit-Turkija),

– wara li kkunsidra r-rapport adottat mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa fis-sessjoni tagħha tad-9 u l-10 ta' Ottubru 2025 dwar l-impatt tal-arrest preventiv tas-sindki fuq l-eżerċizzju tal-governanza demokratika lokali,

– wara li kkunsidra l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2025, ippubblikat minn Reporters mingħajr fruntieri,

– wara li kkunsidra l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2024 ippubblikat minn Transparency International,

– wara li kkunsidra d-dokument tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) tat-22 ta' Novembru 2025, bit-titolu "Ir-Repubblika tat-Turkija: Dikjarazzjoni ta' Konklużjoni tal-Persunal tal-Missjoni skont l-Artikolu IV tal-2025",

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-UNESCO tal-10 ta’ Lulju 2020 dwar Hagia Sophia, u d-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kumitat tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO 44 COM 7B.58 (2021) u 45 COM 7B.58 (2023), adottati fl-44 u l-45 sessjoni tiegħu rispettivament,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti kollha tiegħu dwar it-Turkija,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta’ Frar 2024 dwar l-approfondiment tal-integrazzjoni tal-UE fid-dawl tat-tkabbir futur[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar Ċipru,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi t-Turkija tibqa’ pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-UE, u s-sħubija fl-UE tibqa’ għan politiku ddikjarat b’mod ripetut mill-Gvern Tork, għalkemm id-distakk bejn il-valuri u l-interessi tat-Turkija u dawk tal-UE qed ikompli jikber;

B. billi fl-aħħar rapport ta’ progress tagħha tal-2025, il-Kummissjoni għal darb’ oħra identifikat fit-Turkija rigress serju fl-istat tad-dritt u sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiddeterjora, u qajmet dubji dwar l-aderenza mal-prinċipji demokratiċi bażiċi;

C. billi l-perjodu reċenti kien ikkaratterizzat minn deterjorament serju fid-demokrazija lokali fit-Turkija;

D. billi t-Turkija hija membru tal-Kunsill tal-Ewropa u għalhekk hija marbuta bis-sentenzi tal-QEDB;

E. billi t-Turkija għaddejja minn proċess politiku bit-titolu “Turkija ħielsa mit-Terrur”, bl-għan li tintemm il-vjolenza politika u l-kunflitt Kurd;

F. billi lil hinn mill-proċess tal-adeżjoni, huwa meħtieġ impenn kostruttiv fir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija;

G. billi t-Turkija għadha tospita waħda mill-akbar popolazzjonijiet ta’ rifuġjati fid-dinja;

H. billi l-allinjament tat-Turkija mal-politika estera u ta’ sigurtà komuni tal-UE laħaq l-aktar livell baxx li qatt intlaħaq ta’ 4 %;

I. billi r-relazzjoni kummerċjali bejn l-UE u t-Turkija hija partikolarment estensiva, bit-Turkija li qegħda l-ħames l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE u l-UE li hija l-akbar sieħeb kummerċjali tat-Turkija;

L-impenn favur l-adeżjoni mal-UE

[2] ĠU C, C/2024/6746, 26.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6746/oj.

1. Jafferma mill-ġdid l-apprezzament tiegħu għall-aspirazzjonijiet fit-tul tas-soċjetà ċivili Torka rigward l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, minkejja n-nuqqas ta' progress persistenti;

2. Jisħaq fuq in-natura normattiva u mhux tranżazzjonali tal-proċess tal-adeżjoni mal-UE, u din hija kontinġenti fuq il-fatt li jiġu ssodisfati l-kriterji ta' Copenhagen u mhijiex marbuta b'xi skadenza;

3. Jinnota b'dispjaċir li minkejja d-dikjarazzjonijiet ripetuti tal-Gvern Tork li jimpenja ruħu mill-ġdid għall-għan tas-sħubija fl-UE, it-tħassib serju dwar in-nuqqasijiet li jaffettwaw il-proċess tal-adeżjoni ma ġiex indirizzat; iqis li dan huwa sinjal ċar tan-nuqqas ta' impenn reali tal-Gvern Tork biex jerġa' jqajjem il-proċess tal-adeżjoni;

4. Jistieden lill-gvern Tork jimxi mir-retorika għall-azzjoni u jindirizza n-nuqqasijiet persistenti fl-oqsma tal-istat tad-dritt u tal-libertajiet fundamentali;

5. Itenni, madankollu, li filwaqt li l-proċess tal-adeżjoni ilu staġnat sa mill-2018, it-Turkija tibqa' sieħba strateġika u alleata tan-NATO, u pajjiż li miegħu l-UE għandha relazzjonijiet mill-qrib fl-oqsma tas-sigurtà, tal-kummerċ, tal-ekonomija u tal-migrazzjoni;

6. Jinsab imħasseb ħafna dwar is-silenzju ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE, u ta' ħafna Stati Membri tal-UE, fid-dawl tal-erożjoni tal-istat tad-dritt fit-Turkija;

Il-fulkru tal-proċess tal-adeżjoni: id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali

7. Jesprimi tħassib serju dwar l-erożjoni serja kontinwa tal-istat tad-dritt u tal-indipendenza ġudizzjarja fit-Turkija, fil-qafas ta' interpretazzjoni awtoritarja b'għeruq profondi ħafna tas-sistema presidenzjali;

8. Jiddeplora l-użu estensiv ta' standards doppji fil-ġudikatura;

9. Iħeġġeġ lit-Turkija, għal darb'oħra, timplimenta bis-sħiħ is-sentenzi kollha tal-QEDB f'konformità mal-Artikolu 46 tal-KEDB u f'konformità mal-obbligi mhux kundizzjonali li jirriżultaw mill-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni Torka;

10. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-kriżi kostituzzjonali li qed tikber fit-Turkija kkawżata minħabba li l-qrati ordinarji qed jirrifjutaw li jikkonformaw ma' sentenzi vinkolanti tal-Qorti Kostituzzjonali jew ma' deċiżjonijiet oħra ta' istanzi ġudizzjarji ogħla rilevanti;

11. Jiddeplora l-fatt li l-partiti politiċi u l-membri tal-oppożizzjoni għadhom jisfaw fil-mira, u dawn għadhom iġarrbu pressjonijiet dejjem akbar; itenni l-kundanna qawwija tiegħu li għada għaddejja d-detenzjoni tas-Sindku tal-Muniċipalità Metropolitana ta' Istanbul, Ekrem İmamoğlu" tal-Partit Popolari Repubblikan (CHP) u t-tneħħija mill-kariga tiegħu;

12. Jinsab imħasseb serjament dwar id-deterjorament ulterjuri tad-demokrazija lokali fit-Turkija; jikkundanna bil-qawwa s-sensji u l-arresti ta' 28 sindku elett minn partiti tal-oppożizzjoni u għexieren ta' uffiċjali lokali, kif ukoll is-sostituzzjoni ta' 11-il sindku b'fiduċjarji maħtura mill-gvern;

13. Ikompli jiddeplora l-prosekuzzjoni, iċ-ċensura u l-fastidju kontinwi tal-ġurnalisti u tal-media indipendenti;

14. Jibqa' mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tan-nisa, u b'mod partikolari dwar il-livell għoli ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-inċidenza għolja ta' femiċidju fit-Turkija;

15. Ikompli jikkundanna l-ksur kontinwu u n-nuqqas ta' protezzjoni kontinwa tad-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI+ fit-Turkija;

16. Ifaħħar lill-awtoritajiet Torok u lill-partiti politiċi għall-isforzi tagħhom fil-kuntest tal-inizjattiva kontinwa "Turkija ħielsa mit-Terrur"; jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' azzjoni f'waqtha u deċiżiva min-naħa tal-Gvern Tork*;*

Ir-riformi soċjoekonomiċi u ta' sostenibbiltà

17. Jilqa' l-programm kontinwu ta' stabbilizzazzjoni u riforma makroekonomika tal-awtoritajiet Torok, u l-impenn tagħhom li jnaqqsu l-inflazzjoni filwaqt li jipproteġu t-tkabbir;

18. Jinnota li l-erożjoni kontinwa tal-istat tad-dritt u taċ-ċertezza legali inevitabbilment se jkollha impatt fuq il-fiduċja tal-investituri u fuq l-ekonomija;

19. Jistieden lill-awtoritajiet Torok jimplimentaw l-obbligi internazzjonali tat-Turkija fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Korruzzjoni u l-konvenzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa;

Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat

20. Ikompli jfaħħar lit-Turkija talli ospitat madwar 2,7 miljun rifuġjat, inklużi 2,3 miljun Sirjan taħt protezzjoni temporanja fl-2024;

21. Jilqa' d-djalogu kontinwu bejn il-Greċja u t-Turkija, u dan jista' jrawwem ambjent kostruttiv u aktar tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran;

22. Itenni bil-qawwa l-fehma tiegħu, skont liema l-unika soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru hija soluzzjoni ġusta, komprensiva, vijabbli u fattibbli, fil-qafas tan-NU, abbażi ta' federazzjoni bikomunitarja, biżonali mgħammra b'personalità ġuridika internazzjonali unika, b'sovranità unika, b'ċittadinanza unika u b'ugwaljanza politika;

23. Jisħaq fuq ir-rilevanza essenzjali li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija fi kwistjonijiet ta' sigurtà globali, b'mod partikolari fid-dawl tax-xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel u l-bidliet potenzjali fil-politika barranija tal-Istati Uniti;

24. Jiddispjaċih dwar l-allinjament baxx tat-Turkija mal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-UE, li naqset minn 6 % fl-2024 għal rekord baxx ta' 4 % fl-2025;

Ir-relazzjonijiet usa' bejn l-UE u t-Turkija

25. Itenni l-konvinzjoni soda tiegħu li, lil hinn mill-proċess tal-adeżjoni, li bħalissa jinsab staġnat minħabba n-nuqqas ta' riformi demokratiċi, it-Turkija hija pajjiż ta' rilevanza

strateġika; jisħaq fuq l-importanza li jinżamm djalogu kostruttiv u li tiġi approfondita l-kooperazzjoni f'oqsma ta' interess strateġiku reċiproku;

26. Jappoġġja li tiġi approfondita l-aġenda tal-konnettività mat-Turkija fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport, tal-kuntatti diġitali u bejn il-persuni, bħala eżempju ta' kooperazzjoni prammatika tajba u ta' benefiċċju reċiproku bil-potenzjal li jitrawmu l-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun;

27. Itenni l-fehma tiegħu li l-modernizzazzjoni tal-unjoni doganali tal-UE hija meħtieġa, b'mod partikolari minħabba x-xenarju ġeopolitiku attwali; jissottolinja l-fatt li, biex il-Parlament ikun jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu fi tmiem il-proċess, tali modernizzazzjoni jkollha tkun ibbażata fuq kundizzjonalità b'saħħitha relatata mad-drittijiet tal-bniedem u mal-libertajiet fundamentali, mar-rispett tad-dritt internazzjonali u mar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat;

28. Jilqa' l-progress reċenti biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà lejn l-UE għaċ-ċittadini Torok permezz tal-qafas kaskata tal-viża; jistieden lill-Gvern Tork jindirizza l-ostakli li fadal li jipprevjenu l-ftuħ mill-ġdid tad-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża;

Il-prospettivi futuri għar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija

29. Itenni l-opinjoni tiegħu tal-Gvern Tork li ttraskura milli jieħu l-miżuri neċessarji biex jindirizza n-nuqqasijiet fundamentali fid-demokrazija li jeżistu fil-pajjiż u, għaldaqstant, huwa tal-fehma li l-proċess tal-adeżjoni tat-Turkija mal-UE ma jistax jissokta fiċ-ċirkostanzi attwali, minkejja s-sejħiet reċenti mill-personalitajiet tal-oppożizzjoni Torka rilevanti li jippromwovu involviment mill-ġdid;

30. Ikompli jħeġġeġ lill-Gvern Tork u lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jkomplu jaħdmu, lil hinn mill-proċess tal-adeżjoni attwalment iffriżat, abbażi tal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew u tal-kundizzjonalità stabbilita, lejn sħubija aktar mill-qrib, aktar dinamika u strateġika***;***

31. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet l-oħra kollha tal-UE u lill-Istati Membri jsemmgħu leħinhom biex jindirizzaw ir-rigress demokratiku fit-Turkija;

32. Itenni l-impenn sħiħ tiegħu li jsostni l-appoġġ għas-soċjetà ċivili indipendenti tat-Turkija;

°

° °

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan huwa t-tieni rapport dwar il-progress tat-Turkija bħala pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-UE f'din il-leġiżlatura. Ir-rapport jevalwa s-sitwazzjoni attwali u l-aktar żviluppi reċenti fir-rigward tal-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni, kif ukoll ir-relazzjonijiet usa' bejn l-UE u l-pajjiż. In-negozjati tal-adeżjoni mat-Turkija ilhom staġnati mill-2018, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Ir-rapport isostni li, minkejja d-dikjarazzjonijiet reċenti tal-Gvern Tork dwar l-impenn tiegħu favur is-sħubija mal-UE, id-distakk bejn it-Turkija u l-valuri u l-qafas normattiv tal-UE – li huma l-fulkru tal-proċess tal-adeżjoni – baqa' ma ġiex indirizzat matul l-aħħar perjodu, peress li għad hemm liġijiet u miżuri mmirati biex jillimitaw l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Ir-rapport jappella għal darb' oħra biex jintemmu l-attakki kostanti fuq id-drittijiet tal-membri tal-oppożizzjoni, filwaqt li jiddenunzja b'mod partikolari s-sitwazzjoni tas-CHP u l-kandidat presidenzjali tiegħu Ekrem İmamoğlu, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avukati, il-ġurnalisti, l-artisti, l-akkademiċi u l-attivisti tas-soċjetà ċivili, fost oħrajn. Ir-rapport huwa kritiku ħafna bis-silenzju ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE u ta' ħafna Stati Membri tal-UE, fid-dawl tal-erożjoni tal-istat tad-dritt fit-Turkija, u jħeġġiġhom isemmgħu leħinhom aktar f'dan ir-rigward. Bħala konklużjoni, minħabba n-nuqqas ta' titjib mill-awtoritajiet Torok fir-rigward tar-rigress demokratiku fil-pajjiż, ir-rapport jesprimi li l-Parlament ma għandu l-ebda għażla oħra ħlief li jtenni li l-proċess tal-adeżjoni tat-Turkija mal-UE ma jistax jitkompla fiċ-ċirkostanzi attwali. It-test iħeġġeġ lill-Gvern Tork u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex ikomplu jaħdmu lil hinn mill-proċess tal-adeżjoni ffriżat attwalment, favur sħubija aktar mill-qrib, aktar dinamika u strateġika;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Commission - DG ENEST
European External Action Service (EEAS)
Delegation of the European Union to the Republic of Türkiye
European Committee of the Regions
Council of Europe
Ambassador of Spain to the Republic of Türkiye
Ambassador of France to the Republic of Türkiye
Ambassador of Denmark to the Republic of Türkiye
Embassy of Germany to the Republic of Türkiye
Permanent Representation of Greece to the EU
Permanent Representation of the Republic of Cyprus to the EU
UNHCR
UNICEF
EUROCITIES
The German Marshal Fund (GMF)
Carnegie Endowment for International Peace - Carnegie Europe
Turkish Industry and Business Association (TÜSİAD)
Antalya Industry & Business Association (ANSİAD)
Human Rights Association (İHD)
Human Rights Watch
Amnesty International
European Women's Lobby
Reporters Without Borders (RSF)
International Press Institute (IPI)
Committee to Protect Journalists (CPJ)
International Federation for Human Rights (FIDH)
EuroMed Rights
Article 19
Friedrich Ebert Stiftung
Istanbul Political Research Institute (IstanPol)*
European Turkish Trade & Investment Council (ETTIC)*

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

Istanbul Bar Association*
Union of Turkish Bar Associations*
Human Rights Joint Platform (IHOP)*
KAOS GL*
Media and Law Studies Association (MLSA)*
Civic Space Studies Association (CSSA)*
Saturday Mothers*
Women's Coalition of Turkey*
Freedom of Expression Association*
Association for Monitoring Equal Rights (AMER)*
Hrant Dink Foundation*
* *Organizzazzjoni bbażata fit-Turkija*
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Ministry of Foreign Affairs of Türkiye
Ministry of Treasury and Finance of Türkiye
Ministry of Interior of Türkiye
Permanent Representation of the Republic of Türkiye to the EU
Grand National Assembly of Türkiye
Istanbul Metropolitan Municipality
Ankara Metropolitan Municipality
Muğla Metropolitan Municipality
Human Rights and Equality Institution of Türkiye (TİHEK)
Justice and Development Party (AK Party)
Republican People's Party (CHP)
Peoples' Equality and Democracy Party (DEM Party)
Nationalist Movement Party (MHP)
The Good Party (IYI)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.